L-EWWEL KTIEB TA' L-ERBGHA U GHOXRIN SENA

MARZU 1948.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROG

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR.

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

*Editorjal*—Il-Jedd tal-Lsien Malti Faċċ. 3
JOHN MICHAEL TESTA—*Jum is-Sibt fir-Raħal* ,, 8
MONS. DUN ĠUŻEPP FARRUGIA—*L-Għar ta' Kalipsu* ,, 9
Ġ. CHETCUTI—Rapport tas-Segretarju għall-1947 ,, 10
It-Tielet Konkors Teatrali ,, 12
VIC. APAP—L-Aħħar Kapitlu ,, 13
Il-Kunsill ta' "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għas-Snin 1948-49 ,, 24
Reċensjonijiet ,, 25
Lista ta' Kontribuzzjonijiet għall-għajnuna tar-Rivista "Il-Malti" ,, 30
Matinee Lyrique fil-Każin ta' l-Istudenti ta' l-Università ,, 31
Avviż Editorjali ,, 31
Lista Kronoloġika tal-Membri Akkademiċi ta' "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" ,, 32

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

**KULL TLIET XHUR**

L-ERBGHA U GHOXRIN SENA 1948

MALTA—1948
STAMPERIJA TAD-DAR TA' S. ĠUŻEPP,
HAMRUN

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* MARZU 1948

# *IL-JEDD TAL-LSIEN MALTI*

*FTIT huma dawk l-ilsna li biex lahqu telghu t-tarġiet tal-ħajja letterarja għaddew minn baħar hekk imqalleb daqs il-lsien Malti. Il-lsien Malti biex l-ewwelnett jilbes il-libsa tal-lsien miktub iltaqa' ma' bosta xkiel u twegħir li żammewh għal mijiet ta' snin barra l-bieb ta' dawk l-ilsna l-oħra illi l-poplu Malti kellu jitgħallem biex jista' jitqies bħala poplu ċivilizzat. Ir-raġuni li għaliha l-lsien Malti dam ma laħaq il-grad ta' lsien letterarju għal mijiet ta' snin wara ilsna oħra tal-kontinent u ta' artijiet ġirien tiegħu kienu etnografiċi, lingwistiċi, kommerċjali u fuq kollox politiċi.*

*L-istorja tal-Gżejjer ta' Malta, qabel u wara l-waqgħa ta' l-Imperu Ruman sakemm Malta waqgħet taħt in-Normanni, tinsab midfuna fi dlamijiet suwed li fihom ebda xaqq ta' dawl ma nifed li sata' qatt jagħtina l-inqas ħjiel ta' razza u lsien. Sata' jkun li l-istess mewġiet ta' nies ġodda tħalltu u xorbu lil ta' qabilhom u mad-demm tħallat u xxorob ukoll l-ilsien li bih minn żmien il-Feniċi u l-Kartaġiniżi kienu jitkellmu niesna mat-tbexbix taż-żminijiet storiċi bħalma ġara fl-ixtut ta' minn tarf is-Surija sa tarf il-kosta ta' l-Affrika ta' Fuq. U kif il-lsien Lhudi kien inxorob mill-ħakma Aramajka u kif il-Puniku kien intefa mill-arti u l-klassiċiżmu elleniku u l-Latin iddakkar minn dan u ma ħelisx mill-influwenza tal-letteratura tiegħu u kif fl-aħħarnett il-Latin kellu, bħalma ġralu l-Lhudi, jinxtorob fil-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs mill-Provenzal u mid-djaletti ta' l-Ilsna Romanzi, fosthom l-iktar fl-Italja, mid-djaletti Taljani u Sqallin, u kif ukoll l-Anglu-Sassoni kellu, mad-drawwiet tal-ħajja Normanna, jiddakkar ukoll mit-terminoloġija tan-Normanni li għandha sehem mhux ħażin fil-lessiku Ingliż, hekk ukoll il-Malti-Puniku kellu, mill-waqgħa ta' l-Imperu Roman jinxtorob jew jinħakem bl-influwenza politika, ekonomika, kommerċjali jew etnografika ta' dawk il-ġnus li kienu jiggvernaw dawn il-Gżejjer jew kellhom x'jaqsmu magħhom.*

*Fost il-fdalijiet li baqgħu sħaħ fl-egħruq tagħhom huma dawk ta' l-ilsien li l-lum insejħulu bl-isem tal-Lsien Malti. Jekk dawn*

*humiex il-fdalijiet ta' l-ewwel saff ta' lsienna l-qadim li tħallat u nxtorob minn ilsien ieħor sieħbu, bħall-Għarbi fi żmien il-ħakma Għarbija, jew huma fdalijiet ta' l-istess Lsien Għarbi, aħna ma nafux sewwa. Sew jekk wieħed jew l-ieħor, il-lum il-lsien li nitkellmu bih huwa l-ilsien Malti, u, bħala l-lsien li bqajna nitħaddtu bih, għandna nikkultivawh bħalma nazzjonijiet oħra jikkultivaw tagħhom bla ma joqogħdu jħarsu mil-liema nisel ġej u kif maż-żmien kellu jitħallat u jieħu s-sura tal-lsien volgari miktub u fl-aħħarnett is-sura ta' lsien letterarju.*

*Il-Malti, għandna nistqarruh b'wiċċna minn quddiem, huwa l-uniku lsien semitiku fl-Ewropa, mitkellem minn nies ta' razza mediterranea ewropea. Naraw li l-ilsien ta' ġnus oħra, imħabba l-kondizzjonijiet politiċi u ekonomiċi li fih insab pajjiżhom minn żmien għal ieħor u t-taħlit ta' razez oħra ma' demmhom, tbiddel fl-inflessjonijiet morfoloġiċi, it-terminoloġija tiegħu żdiedet bi kliem ta' dawk in-nies li ħakmuhom jew tħalltu fid-demm magħhom u, wara żmien, ilsienhom intgħaġen f'sura ġdida, li wara mijiet ta' snin, bl-influwenza tal-letteratura ta' ilsna barranin qaribhom jew ta' nies ġirien tagħhom deher imżejjen b'letteratura li biha sata' joqgħod ma' dawk ta' nazzjonijiet oħra b'ċiviltà letterarja tagħhom.*

*Dak it-tibdil morfoloġiku, lessikali u sintattiku li għaddew minnu l-ilsna ewropej, nistgħu ngħidu li għadda minnu wkoll il-lsien Malti, iżda dan ma satax ikollu l-isvilupp letterarju hekk malajr u hekk kbir bħall-ilsna l-oħra ta' l-Ewropa u dana mħabba ċ-ċirkustanzi etnografiċi u storiċi. Fil-waqt li ilsna oħra tħalitu u ntgħaġnu ma' ilsna oħra ta' demm qarib bħat-Taljan u l-Franċiż mil-Latin u l-ilsna Romanzi kollha mil-*langue d'Oc *u* l-langue d'Oil *(Provenzal, Spanjol, ecc.), il-Malti, biex ikabbar il-vokabolarju tiegħu komuni u tekniku, kellu jissellef minn ilsna Ewropej li mhumiex qaribu u b'hekk infatam mill-isvilupp semitiku tal-Lsien Għarbi li tista' tgħid huwa wieħed mill-ftit fergħat taz-zokk il-kbir tal-Lsien Semitiku li baqa' jgħix. Ġara għalhekk li taħt il-ħakma ta' nazzjonijiet Ewropej il-Malti minn żmien il-bidu taż-Żminijiet tan-Nofs sa madwar mitt sena ilu qatt ma kien imgħallem fl-iskejjel u t-tagħlim tiegħu kien għall-ewwel u għal bosta snin imqanżah u dlonk imwarrab bħala tagħlim ta' ebda fejda, u tagħlim ta' lsien mingħajr alfabet u grammatika.*

*Minn żmien De Soldanis, li kien l-ewwel wieħed li hareġ Grammatika Maltija taħt l-isem ta'* Lingua Punica presentemente usata dai Maltesi, ecc. *(1750), mingħajr ma ngħoddu dawk il-ftit ta' qabel li tagħhom għad għandna xi manuskritti (versi, prietki, ecc.), inħolqu mal-35 alfabet, u, ħlief xi tnejn, ma seħħux għal żmien twil. L-oħrajn mietu f'qasir żmien u bosta minnhom fin-nieqa.*

*Fost l-ilsna mgħallmin fl-iskejjel u użati fl-attijiet notarili, fil-Qrati u fl-amministrazzjoni, li kienu l-Latin, it-Taljan-Sqalli, u dan l-aħħar it-Taljan u minn xi 135 'l hawn l-Ingliż, il-Malti kien, tista' tgħid, il-Germuda tad-dar. Kulħadd iwarrbu, kulħadd iħares lejh bl-ikrah, kulħadd jistħi jikteb bih u saħansitra jitkellem bih fl-ambjenti burokratiċi u leġislativi u, bħal Germuda tal-ħrafa, ħutu minn omm oħra, imżejnin bl-isbaħ ilbies, kienu xeħtuh fil-kċina u ħallewh b'libsa maħmuġa u mċarrta f'rokna tad-dar. Iżda l-jedd tal-lsien Malti f'dar missieru, bil-ġhież tiegħu li wiret mit-twelid f'dawn il-gżejjer, fl-aħħar wasal waqtu. Wara ħafna taqlib ta' fortuna, dan l-imċewlaħ ta' Malti li qatt ma seta' jseħħlu li jidħol u joqgħod għas-seħħ fl-iskejjel u jibni letteratura, sab min jifdih u jerfagħlu ġichu. Bis-saħħa tal-moviment laborista li qam wara l-Gwerra l-Kbira mat-twettiq tal-jeddijiet Kostituzzjonali tal-pajjiż, kienet xegħlet ukoll qalb il-proletarjat tal-Gżira l-ħajra li tingħaqad, fost il-Kittieba tal-Malti, xirka li taħseb biex lill-kitba Maltija tagħtiha sura ta' ortografija waħda u tal-lsien letterarju, u din, malli twaqqfet, fetħet it-trieq biex fl-aħħarnett il-Malti jiġi magħruf bħala lsien ta' tagħlim fl-Iskejjel, fl-Università, u bħala lsien uffiċjali fil-pubblikazzjonijiet tal-Gvern, fl-Attijiet Notarili u fil-Proċeduri Leġislativi.*

*Il-ħuġġieġa li xegħlet f'daqqa bit-twaqqif tal-Malti bħala lsien miktub tal-poplu u għall-poplu mill-moviment tal-proletarjat għad-drittijiet ċivili tiegħu fl-amministrazzjoni kostituzzjonali tal-pajjiż kienet donnha li tnisslet minn dik il-ġamra nar li kienet ilha taqbad b'nar bati taħt l-irmied fil-qalb maltija minn dawk iż-żmenijiet bikrija tal-Kunsill Popolari taż-Żminijiet tan-Nofs, meta 'l hawn u 'l hinn kien instama' xi leħen mill-kotra tal-mastranzi jitlob li fil-Kunsill flok bl-Isqalli-Taljan it-taħdit isir bil-Malti, jiġifieri bi Lsien il-Poplu.*

*Sa mill-1912, fil-ġurnal "Il-Habib", li tista' tgħid kien l-ewwel organu ta' l-ewwel kittieba tal-Għaqda—ġurnal maħruġ mid-*

*Dar ta' l-*Unione Cattolica *u tax-Xirka Operaja ta' San Ġużepp— kienu bdew jidħru kontribuzzjonijiet ta' proża u poeżija Maltija b'xejra letterarja sabiħa. Id-Direttur ta' dak il-ġurnal kien Ġużè Muscat Azzopardi, il-magħruf rumanzier u poeta Malti, li kien dik il-ħabta wieħed mill-ixjeħ fost il-kittieba tal-Malti, u wieħed minn xi tliet fergħat li kienu baqgħu jgħixu miz-zokk il-kbir ta' żmienu l-kittieba. Fl-1920, wara l-mewġ tal-Gwerra l-Kbira li kienet felġet il-ħajja letterarja tal-pajjiż, mas-sejħa li xxandret fil-ġurnali biex titwaqqaf kitba soda u sħiħa tal-letteratura Maltija, kienet instemgħet ukoll dik tal-moviment laborista li fost il-programm tal-missjoni politika tiegħu kellu dik li jdaħħal il-Malti fl-Iskejjel, fil-Qrati u fl-Attijiet Notarili. Fit-twettiq ta' dan il-programm popolari kellha sehem kbir, bil-ħidma tagħha, il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, li b'danakollu żammet ruħha mifruda minn kull skop politiku li bih, bil-qawmien tal-Malti u t-twaqqif tiegħu fl-Iskejjel u fil-Qrati jinqered xi Ilsien ieħor. Nistgħu ngħidu, iżda, illi l-Għaqda qatt ma kellha dan il-ħsieb u dana stqarritu kemm-il darba bil-kitba tagħha u b'għemilha, għaliex hija taf illi t-tagħlim kulturali ta' ilsna oħra ewropej, huma x'inhuma u, l-aktar dawk li magħhom kellna rabta storika u tradizzjonali, għal raġunijiet etnografiċi, politiċi u kummerċjali, flok li jfaqqru lsienna, fil-letteratura tiegħu, jistgħu biss ikabbruh u jżejnuh b'dak l-ilbies li bih il-lum jixraqlu jidher fost il-ġnus ċivilizzati. U dana narawh mill-kitba kotrana u mirquma tal-kittieba tagħha, ibda minn dik ta' dawk il-kittieba li kienu l-ewlenin fost il-membri xjuħ tal-Għaqda, li kellhom kultura letterarja ta' ilsna ewropej, jiġifieri rumanzi, li biha tgħallmu u żejnu moħħhom fuq il-bank ta' l-iskejjel qodma tagħna.*

*U l-Għaqda dejjem baqgħet miexja lejn trieqtha bla ma ħarset 'l hawn jew 'l hinn biex togħġob il-partiti politiċi. Dan l-organu tal-Għaqda "Il-Malti" għoddu għalaq 23 sena ta' ħajja letterarja (ħajja twila li s'issa ebda xirka oħra letterarja Maltija ma kellha l-ħila tgħixha). Ma' tul dan iż-żmien dan l-organu qatt ma waqaf mill-ħidma tiegħu, u, għalkemm 'l hawn u 'l hinn sab min ifixklu u jheddu, hu qatt ma qies u lä t-tfixkil u lanqas it-tehdid u baqa' dejjem jaqdef u jaqsam il-baħar imqalleb ta' xortih. Il-Għaqda qatt ma ndaħlet biex teqred it-tagħlim jew il-kultura ta' ebda lsien, għax bħalma fissirna, sabet il-fejda tagħha fihom, iżda lanqas imbagħad ma ħamlet li jfixkluha jew jeqerduha*

*u ħambqet u xammret, bħalma kien dmir tagħha li taqbeż għall-jeddijiet tagħha — għall-jedd tal-lsien Malti, għall-inqas bħala lsien li għandu jkun miktub grammatikalment u letterarjament.*

*Il-Għaqda sabet għedewwa u ħbieb ukoll. Nistgħu ngħidu iktar ħbieb milli għedewwa. L-akbar għedewwa li kellha kienu dejjem u għadhom iktarx dawk li fiha jaraw il-għul jew aħjar il-għadu ta' l-ilsien tal-koltura tradizzjonali tagħna—ta' dik il-koltura lingwistika li twieldet fostna mis-seklu erbatax u baqgħet tgħix tajjeb sas-seklu Dsatax sakemm għal raġunijiet burokratiċi, amministrativi u forsi wkoll ekonomiċi, u, fl-aħħarnett legali, kellu jidħol u jaħkem fostna bħala lsien uffiċjali u istruttiv l-Ilsien Ingliż li hu l-ilsien ta' l-Imperu li taħt il-Bandiera tiegħu Malta qiegħda tgħix il-ħajja ta' risq kolonjali, strateġiku, ċivili u ekonomiku tagħha. B'danakollu ebda lsien li bih konna dari nitgħallmu u, li l-lum jista' jiswielna, għadu ma nqered, u lanqas nittamaw li jinqered sew bit-tixrid tat-tagħlim ta' l-ilsien ta' l-Imperu jew tal-Malti, u, bħalma nixtiequ r-risq lill-Malti, nixtiquh ukoll lil dawk l-ilsna kolha li minnhom nistgħu nistgħallu sew il-ġid edukattiv kemm il-ġid ekonomiku tal-pajjiż.*

*Il-fehmiet tal-Għaqda minn dejjem kienu safja u mill-bidu tagħha sal-lum dejjem baqgħet sejra lejn tieqtha bi ħsieb wieħed :* Il-progress tal-Malti bħala Lsien Miktub, *u fuq hekk il-Malti, nerġgħu ngħiduh, għandu l-jedd tiegħu, jedd li hu għajjur għalih, bla ma jippretendi li jindaħal f'dak ta' ilsna oħra.*

*X'għadda mill-Għaqda mit-twelid tagħha sal-lum u kif is-sistema tal-kitba tagħna huwa l-lum magħruf mill-Gvern hija storja li kulħadd jafha. Il-jedd tal-Malti bħala lsien uffiċjali fil-proċeduri u attijiet legali u lsien ta' tagħlim fl-skejjel sew elementari kemm sekondarji, u saħansitra fl-Università, kien magħruf u mwettaq mill-Gvern ukoll minn qabel ma reġgħet ġietna l-Kostituzzjoni l-ġdida. U jekk qatt kien jew hawn Gvern Kostituzzjonali li sata' jew jista' jgħożż il-ħidma u l-valur tal-Għaqda huwa l-Gvern tal-Haddiema li fih hemm l-istorja tat-twelid tal-Għaqda meta flimkien mal-moviment Laborista għad-drittijiet Kostituzzjonali tal-pajjiż kien ukoll inbeda l-moviment tal-Malti għad-drittijiet tiegħu bħala lsien miktub.*

*Iż-żerniq tal-ħajja kostituzzjonali tal-lum għall-ilsien Malti jidher sabiħ. B'riħet il-Gvern il-ġdid il-Malti beda dieħel ukoll fil-kitba amministrativa, u 'l quddiem nittamaw li jitqiegħed fuq qebla hekk soda li minn fuqha ma jkunx jista' jiġġarraf.*

## "JUM IS-SIBT FIR-RAHAL"

(*Traduzzjoni ta'* JOHN MICHAEL TESTA, *ta' 16-il sena, minn* "Il Sabato del Villaggio" *ta' Giacomo Leopardi*)

Tfajla rahlija ġejja ġà mill-oqsma,
F'inżul ix-xemx sabiħ,
Taħt abtha qattejn għalf, wiżżomm f'idejha
Hodon mimli bil-ward flimkien mal-vjoli;
Sabiex hi kif bħas-soltu,
Tmur thejji biex iżżejjen,
Għall-għada jum ta' festa, ix-xagħ'r wis-sider.
Bil-qiegħda mal-ġirien,
Hemm fuq il-għatba tinseġ qiegħda x-xwejħa :
U tħares lejn il-jum qed igħib, jintilef...
Tfakkar il-ġrajja ta' sbuħet żgħozitha,
Waqt li fil-jum tal-festa drat tiżżejjen,
Waqt li f'saħħitha u ħelwa
Hi kienet tiżfen qalb żagħżugħa, ħbiebha,
Li hija kellha fiż-żgħurija tagħha.
Hekk dlonk jiddallam l-ajru,
Jikħal is-sema, ifeġġ id-dell li nheba
Minn fuq il-bjut u l-għolja,
Għad-dawl ta' qamar illi għadu tiela'......
Jew il-qanpiena tgħarraf
Tal-festa l-jum li ġejja,
Li b'dak il-leħen igħidlek,
Li qalbek tifraħ, tferraħ.
It-tfal fi gzuz igħajtu,
U 'l hawn u 'l hinn dawn jaqbżu.
Jagħmlu għagħa ferrieħa.
Bil-qiegħda l-bidwi, ħdejn il-mejda fqajra,
Bl-imgħażqa ħdejh, isaffar,
U ġwejjed jaħseb fl-għada s-serħ minn tiegħu.

Imbagħ'd—hemm meta jitfi kull dawl ieħor,
Kollox f'sikta jaqa';
Tinstema' l-mazza tħabbat, is-serrieq,
Tal-mastrudaxxa, mqajjem
F'ħanut magħluq mixgħul bil-lampa tnemnem,

Ighaġġel, hemm iħabrek,
Sabiex iħejji x-xogħ'l sa sbieħ il-għodwa.

Dan huwa s-seba' u l-isbaħ jum għalina.
Mimli bil-ferħ wit-tama :
Il-għada : b'dieqa u dwejjaq
Mimlija s-siegħa; li għax-xogħ'l tas-soltu
Kull wieħed jaħseb sabiex jerġa' jersaq.

Oh ! Tfajjel żgħir daħkani,
Hajtek daż-żmien, imwarrda
Hija bħal għodwa b'dawl u b'ferħ mimlija.
Għodwa ta' skiet u ħemda,
Li qiegħda tħejji l-btala għall-ħajja tiegħek.
Ifraħ oħ tfajjel : issa ħajtek
Hi safja bħar-Rebbiegħa...
Xejn aktar ngħidlek; iżda l-btala tiegħek
Bid-dewmien tagħha ma tkunlekx ta' sogħba.

---

## L-GHAR TA' KALIPSU

*Ta'* Mons. Dun Ġużepp Farrugia

Hemm, fejn ir-riħa tal-larinġ utieqa
Tfewwaħ tal-ġonna l-medda s-sena kollha :
Hemm, fejn man-nifs tal-fewġa l-klin jimmolla,
Ixerred riħtu tfuħ ma' kull ċaqliqa :

Hemm, fejn in-naħla 'l ward iżżur mixtieqa
Sabiex l-għasel iġġorr għal ġewwa l-qolla :
Hemm, fejn weraq ir-rand wiċċu 'l fuq għolla
Biex jara 'l mewġ jitbennen bħal ġo nieqa :

Hemmhekk Kalipsu, bint l-allat, nissieġa
Ta' plejju u sagħtar b'ħajt tad-deh'b u fidda,
Nisġet l-għanja ta' mħabba b'qalb Għawdxija,

U l-għanja għanniet, mixgħula daqs ħuġġieġa.
Lill-mewġ, bil-lejl, xħin kien ġa l-qamar idda.
Għax lil min ħabbet hi ma riedx jaf biha.

Għawdex. 12. 2. 48.

# Rapport tas-Segretarju għas-sena 1947

Il-mixja 'l quddiem tal-Ilsien Malti li bdiet malli twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, kompliet dejjem tissaħħaħ minn sena għal oħra, u s-sena li għaddiet ir-rebħa tal-Ilsien Malti — li hi r-rebħa tagħna — ġiet assigurata.

Insibu fil-Kostituzzjoni l-ġdida, Klawsula 46 (1) illi "l-Ilsien Ingliż u l-Ilsien Malti jkunu l-ilsna uffiċjali ta' Malta"; u fit-(3) taqsima nsibu illi "xejn ma għandu jsir sew b'leġislazzjoni jew b'għemil amministrativ li jċekken, jew inaqqas mill-pożizzjoni tal-Ilsien Ingliż jew tal-Ilsien Malti bħala lsien uffiċjali jew illi jittanta sabiex irażżan l-użu tiegħu fis-servizz pubbliku".

Ma hemmx għalfejn ingħid illi dan kollu huwa r-riżultat tal-ħidma kbira mwettqa mill-"Għaqda" tagħna u mill-ħbieb u mill-Għaqdiet tal-Malti.

Ma' tul din is-sena l-kampanja ta' l-egħdewwa kontra l-Ilsien Malti reġgħet xegħlet fil-ġurnali, iżda għalkemm il-"Għaqda" bħala għaqda ma weġbitx għal dawk l-attakki kontra l-Malti, imma kienu membri tal-"Għaqda" li, b'argumenti sodi u konvinċenti, waqqgħu u xejnu l-ħidma kollha anti-Maltija li saret.

Fl-Elezzjonijiet Ġenerali li saru f'Ottubru li għadda, il-Partit Laburista ħa f'idejh it-tmexxija ta' pajjiżna. Fit-8 ta' Novembru, il-Għaqda kitbet lill-Onor. Dr. P. Boffa, M.D., O.B.E., Kap tal-Ministeru, u, filwaqt li ferħitlu għar-rebħa li l-Partit Laburista kellu fl-Elezzjoni Ġenerali u xtaqitlu kull suċċess fis-snin li ġejjin, wegħditu kull għajnuna f'kull kwistjoni u f'kull xogħol li jkollu x'jaqsam ma' l-Ilsien Malti.

Fl-4 ta' Awissu li għadda reġa' bħas-sena ta' qabel, kellna ċ-ċerimonja tal-Premju Muscat Azzopardi. Il-premju dis-sena ħadu, kif bid-dritt kollu kien jistħoqqlu, is-Sur Nin Cremona, li għal kważi tletin sena ħadem bla mistrieħ sabiex jara l-Ilsien Malti mqiegħed fil-pożizzjoni għolja li tixraqlu sew f'dik li hi edukazzjoni kemm f'dik li hi ammnistrazzjoni tal-pajjiż. Inħossuna mkabbrin li ngħidu illi l-idijal kbir li 25 sena ilu ħolmu Ġuże' Muscat Azzopardi, Ninu Cremona u sħabhom, il-lum intlaħaq mija fil-mija.

Iċ-ċerimonja li saret fl-Università taħt il-presidenza ta' l-E.T. il-Gvernatur Sir Francis C. Douglas, kienet suċċess. Tkellmu s-Sur Ivo Muscat Azzopardi (flok il-fundatur is-Sur Gino Muscat Azzopardi li kien imsiefer), ir-rebbieħ tal-premju s-Sur Nin Cremona, il-President tal-Għaqda, Dr. G. Galea, il-Professur P.P. Debono, Aġent Rettur ta' l-Università, il-Professur G. Aquilina, Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali, u l-Eċċ. Tiegħu l-Gvernatur.

L-organizzazzjoni ta' din iċ-ċerimonja kienet fdata f'idejn is-Sinjuri Ivo Muscat Azzopardi u Ġuże' Chetcuti.

Inħossni fid-dmir li nirringrazzja f'isem il-membri tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", lis-Sur Gino Muscat Azzopardi, il-fundatur ta' dan

il-premju, għall-ġid kbir li hu qed jagħmel għal-Lsien Malti, ġid li aktar ma jgħaddu s-snin aktar jinħass, ġid li ma nistgħu ninsew qatt.

### TRIQ ĠUŻE' MUSCAT AZZOPARDI

Fil-15 ta' Mejju, 1947, bgħatna ittra lis-Segretarju tal-Gvern u fiha tlabnieh biex waħda mit-toroq f'Ħal Qormi tissemma għal Ġuże' Muscat Azzopardi b'tifkira tal-ħidma kbira li hu wettaq fil-qasam tal-letteratura u tal-poltika f'Malta.

S'issa t-talba tagħna għad ma ġietx mismugħa.

### LAQGHAT

Il-"Għaqda" ma' tul is-sena sejħet seba' laqgħat tal-Kunsill (tnejn minnhom ma sarux għax ma kien hemmx quorum), u Laqgħa Ġenerali-Akkademika. F'din il-laqgħa s-Sur Erin Serracino Inglott qara biċċa xogħol tiegħu drammatika "Il-Barrani".

Ġiet maħtura Kummissjoni magħmula mis-sinjuri Victor Apap, Nikol Biancardi u Michael Kissaun, biex tieħu ħsieb torganizza rappreżentazzjoni teatrali b'riżq il-"Għaqda" iżda, kif fisser is-Sur Biancardi f'laqgħa tal-Kunsill, instabu diffikultajiet kbar u hu impossibbli li din ir-rappreżentazzjoni ssir għal issa.

### TEATRU NAZZJONALI

Ma' tul s-sena kien hemm ħafna korrispondenza, fost kollox ittra lis-Sur Nikol Biancardi li fiha għarrafnieh li "l-Għaqda tapprova bil-pjaċir kollu r-riżoluzzjoni dwar it-Teatru Nazzjonali mgħoddija mill-'Għaqda Maltija—Bajda-u-Ħamra' fil-laqgħa li saret fil-Headquarters tal-General Workers Union, fil-5 ta' Ġunju, 1947."

Xieraq li dis-sena wkoll nifirħu lis-Sur Nikol Biancardi għall-Konkors Teatrali 1947 li rnexxielu jagħmel b'suċċess akbar minn tas-sena ta' qabel. Nittamaw illi, minkejja d-diffikultajiet kbar li jeżistu, dawn il-Konkorsi jibqgħu jsiru minn sena għal oħra għall-ġid u għall-kobor tal-Palk Malti.

### ESIBIZZJONI TA' L-ARTI

Fil-5 ta' Awissu, 1947, is-Sur Joseph Edward Doublet, Editur tal-Maltese Journal, bagħat jistedinna biex il-"Għaqda" tieħu sehem fl-Esibizzjoni ta' l-Arti u ta' l-Industrija Maltija li kellha ssir fi New York City mit-3 sad-9 ta' Novembru, 1947. Irnexxielna niġbru, bla ħlas xejn, mal-20 ktieb ta' awturi Maltin, u hekk il-letteratura Maltija ġiet rappreżentata f'dik il-Wirja ta' Arti li, kif qrajna dan l-aħħar fil-ġurnali, irnexxiet ħafna.

### "IL-MALTI"

L-organu uffiċjali tal-"Għaqda" IL-MALTI, ħareġ bħas-snin l-oħra ta' qabel, għalkemm id-diffikultajiet finanzjarji li sibna ma' tul is-sena kienu kbar mhux ftit. Dis-sena wkoll il-Gvern tana sussidju ta' £20, sussidju li l-lum, imħabba li l-ispejjeż ta' l-istampa u kull ħaġa oħra huma għoljin wisq, ftit jista' jservina biex nintrefgħu mill-baħar ta' twegħir finanzjarju li ninsabu fih. Ta' dan jistħoqq tifħir lit-Teżorier li rnexxielu jżomm sħiħ biex ma naqgħux f'telfa finanzjarja.

Imħabba li t-tabib Ġuże' Galea jinsab imsiefer, IL-MALTI issa jinsab immexxi mill-Aġent President tal-"Għaqda", is-Sur Nin Cermona li ipso facto laħaq Aġent Direttur tar-Rivista.

**TIFKIRA B'ĠIEH MONSINJUR CARUANA**

Is-Segretarju tal-Kumitat għall-Kommemorazzjoni ta' għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' Mons. F.S. Caruana, f'ittra li bagħtilna fil-15 ta' Settembru, 1947, talabna biex f'"IL-MALTI" tidher xi kitba b'tifkira ta' Mons. F.S. Caruana. Dan għamilnieh f'"IL-MALTI" ta' Diċembru li għadda. Ta' min isemmi li wieħed mill-promoturi tal-festi li saru b'tifkira tal-Monsinjur Caruana kien is-Sur Marju Agius, membru Akkademiku tal-"Għaqda".

Dis-sena l-Professur Dun E. Coleiro u Patri J. Mejlak, ġew unanimament maħtura membri akakdemiċi tal-"Għaqda".

Fuq deċiżjoni tal-Kunsill delegazzjoni magħmula minn Dr. G. Galea, u s-Sinjuri Ninu Cremona u Ġuże' Chetcuti marret tifraħ lill-Professur Mons. P. P. Saydon fl-okkażjoni tal-ħatra tiegħu bħala Kamrier Segriet tal-Papa.

Il-"Għaqda" ferħet ukoll lill-Wisq Rev.du Patri. G. Delia, S.J., meta nħatar l-ewwel Provinċjal fil-Provinċja l-ġdida tal-Ġiżwiti f'Malta, u lit-Tabib G Galea li ngħażel bħala Lettur tal-Mediċina Legali fl-Università Rjali ta' Malta.

## IT-TIELET KONKORS TEATRALI

Din is-sena l-Kumitat tal-Għaqda "Bajda u Ħamra", biex dejjem jinkoraġġixxi l-kitba u r-rappreżentazzjoni ta' produzzjonijiet teatrali Maltin nieda Konkors letterarju-teatrali.

Għall-ewwel kien hemm il-ħsieb illi jingħataw premijiet għall-aħjar tliet produzzjonijiet u tliet premijiet b'diploma għall-aħjar reċitar; iżda billi l-konkorrenti kienu 24 wieħed, li minnhom tnaqqsu erbgħa li ma mxewx ma' xi kondizzjonijiet meħtieġa, il-premijiet sa jkunu 9 sew għal dak li hu xogħol letterarju kemm għal dak li hi rappreżentazzjoni. L-eżaminaturi huma: il-Kap. J. B. Busuttil, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Gino Muscat Azzopardi.

Nittamaw li ma ndumux ma nkunu nafu r-riżultat tar-rebbeħin ta' dan il-Konkors li b'riħtu l-arti drammatika tidher li qiegħda timxi hekk 'il quddiem.

# L-Aħħar Kapitlu

*Ta'* VIC. APAP

**(Buzzett Drammatiku f'Att wieħed)**

DRAMATIS PERSONAE

QARREJ.

MARI', qaddejja, xebba ta' madwar 40 sena.

KARMNU, namrat ta' Marì, ta' 36 sena, sbozz u goff fi kliemu.

ĠORĠ PORTELLI, sieħeb fin-negozju ma' Ġużè Għaxaq; raġel eleganti ta' madwar 45 sena.

YOLANDA, xebba moderna u fuq ruħha, ta' 22 sena, bint in-negozjant Ġużè Għaxaq.

FREDU CARUANA, tabib ta' xi 35 sena.

SPETTUR TAL-PULIZIJA, serju, ħarsa mqita, sod fi kliemu.

SURĠENT TAL-PULIZIJA.

4 KUNNISTABBLIJIET.

L-azzjoni ssir fi żmienna.

*Id-dwal kollha jinżammu mitfija. Il-purtieri tal-palk jinfetħu kemm iħallu wisa' ta' pultruna. Minn fuq jinxteħet rifless irqiq abjad qawwi; f'dan ir-rifless jidher* RAĠEL *bil-qiegħda fuq pultruna, bi ktieb f'idu jaqra.*

QARREJ: L-aħħar kapitlu. Dak in-nhar sebaħ jum ta' xita qliel u ragħad ikarwat mas-sema kollu. Kien jum minn dawk li jnissel swied fil-qalb f'kulħadd. It-toroq, kollhom għadajjar u tajn, kienu baħħ, tneħħi xi raġel għaddej iħaffef għal xogħlu jew sejjer lura jinġabar lejn daru. Ix-xita ma waqfet xejn; is-sajjetti ta' sikwit kienu jċaqċqu mas-sema; ir-ragħad warajhom kien jinstama' jgerger minn naħa għal oħra tal-Gżira b'qilla li twaħħax u twerwer. Hekk baqa' l-ajru sa ma dalam. Ma kienx jidher li t-tempesta sa ttaffi: ir-riħ baqa' jvenven b'l-istess qawwa; il-beraq u s-sajjetti ma naqqsux; ix-xita ssoktat nieżla qliel.

*Ir-rifless jintefa. Il-purtieri jingħalqu għal kollox u jerġgħu jinfetħu malajr, fil-ħin li jinxtegħlu dwal baxxi. Il-qarrej u l-pultruna ma jibqgħux jidhru iżjed.*

*Fil-fond, loġġa li tagħti għal fuq ġnien; quddiem il-loġġa kuritur: min-naħa tax-xellug jagħti lejn il-bieb ta' barra, min-naħa tal-lemin għal kmamar oħra tad-dar. Mal-ħajt tal-lemin: arloġġ kbir tal-mażżri u bieb ta' kamra. Xi siġġijiet u għamara ħafifa.*

*Fuq siġġu, fil-ġenb, hemm kapott ta' raġel, par ingwanti, muffler u kappell.*

*Fil-għaxija. Kultant xi berqa u ragħda fil-bogħod; fid-dawl tal-beraq tidher ix-xita.*

*Min-naħa tal-lemin jidħlu* MARI' *u* KARMNU. *Jitkellmu minn taħt il-lsien.*

MARI: Ħalli nittawlilhom. (*Tmur tittawwal mit-toqba tal-muftieħ tal-kamra tal-lemin. Tersaq lejn Karmnu li jibqa' mġenneb*). Għadu hawn.

KARMNU: Meta l-aħjar noħroġ, biex għal għajn in-nies nidher li tlaqt.

MARI: Ikun jaqbel li ma tergax tidħol mill-bieb tal-faċċata.

KARMNU: Issa mmur sa għand Majsi nieħu tazza nbid; imbagħad naqbeż fil-ġnien minn wara.

MARI: Minn hemmhekk ħadd ma jarak f'dat-temp li hu.

KARMNU: Meta tingabar is-sinjorina, għamilli sinjal b'xemgħa minn wara l-ħġieġ u iftaħli l-beb tal-ġnien.

MARI: Il-bieb imsakkar. Iċ-ċavetta żżommha s-sinjorina.

KARMNU: Ma ġara xejn Iftaħli minn hawn. (*Juriha l-loġġa li tagħti għall-ġnien*).

MARI: Hekk nagħmlu.

(*Karmnu jitlaq min-naħa tax-xellug. Mari tagħti daqqa ta' għajn lejn l-arloġġ li jibda jdoqq id-disgħa, u titlaq min-naħa tal-lemin.*)

*Jinfetaħ il-bieb tal-kamra tal-lemin, minnu jitfaċċa* ĠORĠ PORTELLI *b'valiġġa żgħira f'idu.*

ĠORĠ: (*b'wiċċu 'l ġewwa fil-kamra*). Il-lejl it-tajjeb. (*Jagħlaq il-bieb warajh u jmur jaqbad jilbes il-kapott, il-muffler u l-ingwanti. Ikun għadu kemm beda meta min-naħa tax-xellug tidħol YOLANDA*).

YOLANDA: (*fuq ruħha*) Il-lejl it-tajjeb, sur Ġorġ.

ĠORĠ: Il-lejl it-tajjeb, sinjorina.

YOLANDA : (*waqt li tneħħi l-kappell u tħares lejn l-arloġġ*) Tard il-lum, Sur Ġorġ.

ĠORĠ : Iii hawn. Qabel ninsa, lill-papà ħallejtlu £300; daħħalthom mingħand xi klijenti l-lejla. Jekk jogħġbok ħu ħsieb iddepożitahom inti għada fil-għodu għaliex jien ma nilħaqx.

YOLANDA : Ġmielek inti, sejjer bl-ajruplan sa l-Ingilterra għada.

ĠORĠ : Wara kollox, jekk jibqa' dat-temp ma nafx x'se nagħmel. Imbagħad miniex sejjer għall-gost ,taf inti, imma mħabba n-negozju.

YOLANDA : Kemm nixtieqni ġejja miegħek.

ĠORĠ : U inti hawn Malta mintix tiddeverti wkoll? Il-papà qalli li l-lejla mort it-teatru.

YOLANDA : Kif tgħaddiha nkella? Mort nara l-"Boheme".

ĠORĠ : (*li sadattant ikun libes, jieħu b'idejn Yolanda*). Il-lejl it-tajjeb, sinjorina. Ħu ħsieb il-papà biex ma jdumx ma jarġa' jqum fuq riġlejh.

YOLANDA : Daka daqsxejn għaġġieb iż-żejjed. Jinteraq aktar mill'i jmissu, u s-sodda jħobbha mhux ftit.

ĠORĠ : Il-lejla, billi kellna ħafna affarijiet fuq hiex nitħaddtu, beda jħossu daqsxejn għajjien u qalli li jixtieq jibqa' għall-kwiet biex jistrieħ.

YOLANDA : Kemm hu ħelu u fessud. Mela lanqas nidħol ma' ġenbu, biex jekk laħaq raqad, ma nqajmux. Jiena, madankollu, għajjiena wkoll. Nista' mmur norqod dritt. Il-vjaġġ it-tajjeb, sur Ġorġ.

ĠORĠ : Grazzi.

(*Ġorġ joħroġ min-naħa tax-xellug. Yolanda tmur iġġib il-kappell u l-borża, li tkun telqet fuq siġġu, u tgħaddi 'l ġewwa lejn il-lemin*).

(*Ix-xita tidher li żdiedet. Xi berqa tleħħ aktar qawwija u r-ragħad ikarwat aktar minn qabel*).

(*Tidħol* MARI' *b'kandlier b'xemgħa mitfija. Tixgħel ix-xemgħa; titfi d-dawl ta' l-elettriku; tersaq bix-xemgħa quddiem il-loġġa u tagħmel sinjal biha lejn barra minn wara l-ħġieġ. Tqiegħed ix-xemgħa fuq it-tavolin. Tmur tittawwal mit-toqba tal-muftieħ tal-kamra tal-lemin. Tiftaħ bil-mod, il-mod: tidħol fil-kamra u tagħlaq warajha*).

*(Tinstamà' ħalba xita qawwija u berqa kbira ddawwal sewwa l-beraħ mudlam; imbagħad ragħda fit-tul u fil-qrib. Berqa oħra; fid-dawl tagħha jidher xi ħadd* (KARMNU) *mat-tieqa min-naħa ta' barra jistenna lil min jiftaħlu).*

*(Il-bieb tal-lemin jinfetaħ. Toħroġ* MARI' *li tagħlaq il-bieb warajha. Tirranġa kemmxejn xagħarha u ħwejjigħa. Tmur tiġri fuq ponot saqajha biex tiftaħ il-loġġa. Malli tiftaħ, tidħol buffura riħ li titfi d-dawl tax-xemgħa.* KARMNU *jaqbeż għal ġewwa u Marì tagħlaq minnufih warajh. Il-kliem kollu bejn Marì u Karmnu jsir minn taħt il-lsien).*

KARMNU : *(daqsxejn imqit)* Għaliex ħallejtni nistenna daqshekk fix-xita?

MARI : *(imwerwra)* Ma stajtx qabel... Kien għad hawn in-nies.

KARMNU : *(biex ifittex jeħles)* Il-flus fejnhom?

MARI : *(imbeżżgħa minn Karmnu)* Ma ħaqtx sibthom... Għamiltiek is-sinjal biex ma nħallikx iżjed fix-xita. *(Tersaq lejh biex tbusu).*

KARMN : *(iwarrabha minnu)* L-ewwel il-flus! Ma tinqala' għal xejn.

MARI : Stennieni hawn halli mmur insibhom.

KARMNU : Isa, iddumx.

*(Marì tkun sejra, iżda kif tasal quddiem il-bieb, tieqaf, tiġri lura ħdejn Karmnu).*

MARI : Ma nidħolx!

KARMNU : Għaliex?

MARI : Nibża'!

KARMNU : *(b'għajnejh jarmu l-qilla minnhom)* Xi trid tibża' minn wieħed rieqed! Jekk tarah biss jitqalleb, ilwilu għonqu bħal fellus u ifgah.

MARI : *(titriegħed meta tisma' dal-kliem)* Mur int... Jiena nistenniek hawn.

KARMNU : Arani dieħel. *(Jiftaħ il-bieb bil-mod, jittawwal, jidħol. Iħalli l-bieb miftuħ warajh).*

*(Marì tbqa' mwerwra weħidha, tgiddem difrejha. Berqa qawwija, xita qliel, ragħda fil-qrib).*

*(Karmnu joħroġ mill-kamra; jagħlaq warajh; juriha l-mazz tal-flus).*

MARI : Ġibthom?

KARMNU: Mela le? Sewwa ngħidlek li ma tinqala' għal xejn. Kienu fil-wiċċ ta' l-ewwel kaxxun li ftaħt.

MARI: Ixħethom fil-but u fittex itlaq minn hawn.

KARMNU: (jagħmel kif qaltlu) Nhar il-Ħadd fil-għaxija niltaqgħu l-Mosta.

MARI: (beżgħana) Tħallinix waħdi sa nhar il-Ħadd. Għada filgħodu ħallini narak biex ingħidlek xi jkun inqala'.

KARMNU: Għalfejn? Ma nafux x'sa jinqala'?

MARI: Imma jiena nibża' noqgħod waħdi sa nhar il-Ħadd bla ma narak. (*Tersaq lejh u tmisslu idejh*).

KARMNU: (*igħannagħa*) Mhux aħjar ma nersaqx 'i hawnhekk għalissa?

MARI: Ħadd m'għandu għax jaħseb fina. Inwaħħlu fis-sur Ġorġ Portelli. Hu l-aħħar li ħareġ minn hawn il-lejla. Smajt lissinjorina tkellmu qabel ma ħareġ.

(*Jitbewsu. Karmnu jinħall minn idejn Mari. Jersaq lejn illoġġa u jiftaħha. Tidħol buffura riħ; ix-xita tinħass iżjed minn qabel. Karmnu jmidd riġel wieħed 'il barra*).

KARMNU: Saħħa! (*jinżel*).

MARI: (*tixref mil-loġġa*) Ħallini narak għada fil-għodu. (*Tagħlaq. Tmur iġġib ix-xemgħa; tagħti daqqa ta' għajn imbeżżgħa lejn il-kamra tal-lemin; toħroġ mill-kuritur lejn illemin*).

(*Id-dwal jintfew f'daqqa waħda—dawk tar-ribalta wkoll—il-purtieri tal-palk jingħalqu mhux għal kollox: iħallu wisa' ta' pultruna li titqiegħed malajr f'nofs il-purtieri hekk kif jintefa d-dawl. Minn fuq jinxteħet rifless irqiq abjad qawwi bħal fil-bidu u jerġa' jidher ir-RAĠEL bil-qiegħda fuq pultruna, bi ktieb f'idu jaqra*).

QARREJ: Kulħadd inġabar f'kamartu għar-rqad. Fil-beraħ dalmi l-beraq issokta jdawwal is-sema bi sriep tan-nar u warajhom jinstama' r-ragħad jidwi ma' kullimkien. Is-siġar, imqanqlin mir-riefnu ta' dak il-lejl, kienu jħaxwxu donnhom riedu jitkellmu fuq xi ħaġa waħxija li kienet saret fiddar tan-negozjant is-sur Ġużè Għaxaq.

(*Tnax-il tokk ta' arloġġ*).

Hekk kif għalaq dak il-jum, is-sema beda jtaffi mill-qilla tiegħu: ix-xita naqqset; ir-riħ ħedel. Mas-sebħ, is-siġar

kienu għadhom jarmu l-qtar tax-xita li niżlet fuqhom fil-ħinijiet tad-dlam, qtar tax-xita li donnu kien id-dmugħ qieghed jixtered għal xi niket li ħadd ma kien għadu jaf bih.

*(Id-dwal jerġgħu jintfew kollha f'daqqa. Il-qarrej jidħol; il-pultruna titwarrab minnufih. Jixegħlu d-dwal f'ħin wieħed u l-purtieri jinfetħu malajr kemm jista' jkun. Binhar. L-arloġġ idoqq it-tmienja. Tidħol* YOLANDA, *fuq ruħha bħas-soltu, min-naħa tal-lemin. Tmur wara l-bieb tal-kamra ta' missierha. Tħabbat. Ma jwieġeb ħadd. Terġa' tħabbat iżjed qawwi. Ħadd ma jitkellem minn ġewwa).*

YOLANDA : Papà ! papà ! Jiena ħierġa… Ġejt għal dawk il-flus… Qed tismagħni?… Papà ! ! papà ! !… *(Tiftaħ u titkellem bi u dieħla).* Saru t-tmienja. Papà ! papà ! ! papà ! ! ! *(Dawn l-aħħar kelmiet tgħidhom imwerwra minn ġewwa. Twerżaq waħda bil-qawwi u toħroġ tiġri tgħajjat).* Marì ! Marì ! Isa… iġri… ejja, ejja.

MARI : *(Tidħol tiġri)* Xi ġralek, sinjorina?

YOLANDA : Il-papà jew għandu xi ħass ħażin kbir fuqu jew ġralu xi ħaġa agħar. Mur sejjaħ malajr lit-tabib ta' ma' ġenbna. *(Marì titlaq tiġri min-naħa tax-xellug).* Xi ġralna ! X'biċċa din ! *(Toħroġ min-naħa tal-lemin. Pawsa. Wara ftit tidħer mill-ġdid bi friskatur żgħir bl-ilma xxarrab fih biċċa ċarruta. Tibqa' sejra tgħaġġel fil-kamra ta' missierha. Pawsa. Jidħlu* MARI' *u t-*TABIB CARUANA).

MARI : *(imbikkija)* Hemm ġew, tabib. *(Turih il-kamra).*

*(It-Tabib jidħol fil-kamra tal-lemin.* YOLANDA *toħroġ tibki u tmur bil-qiegħda).*

YOLANDA : X'biċċa ġralna, Marì… Il-papà żgur miet.

MARI : Taħsibx hekk, sinjorina. Issa t-tabib dalwaqt jara x'għandu bżonn.

*(Jidħol it-*TABIB *ħosbien).*

YOLANDA : X'għandu, dott?

TABIB : Jiddispjaċini wisq, sinjorina, il-papà… mejjet… u ilu daqsxejn li miet… mhux issa li ġralu.

*(Yolanda tgħaddas rasha bejn idejha u tolfoq bil-biki).*

MARI : *(imbikkija)* Jaħasra, kif ħalliena s-sinjur… Daqsxejn ta' riħ kulma kellu.

TABIB : *(lil Marì)* Hu lis-sinjorina ġewwa għax għandi bżonn nagħmel telefon.

(*Marì twieżen lil Yolanda minn driegħha u t-tnejn jidħlu fil-kamra tax-xellug. It-tabib jimxi magħhom u jagħlaq il-bieb warajhom; imbagħad iħaffef għat-telefon. Jitkellem b'nervożità fuqu*).

Tabib : Operator, operator, qabbadni malajr mal-Għassa tal-Pulizija. (*Jistenna*). Hemmhekk il-Għassa? Jiena t-tabib Caruana, irrid inkellem lill-Ispettur malajr. (*Jistenna*). Inti l-Ispettur? Jiena t-tabib Fredu Caruana. Qiegħed inkellmek mid-dar tas-sur Ġużè Għaxaq, 360, Triq Imrabat. Ejja malajr għaliex hawnhekk sar qtil... iva **qtil** għedtlek... Lis-sur Għaxaq sibtu fgat fis-sodda. (*Jagħlaq. Imur fil-bieb tal-kamra tax-xellug, iħabbat, u meta jinfetaħ il-bieb u tidher* YOLANDA *ma'* MARI', *igħid lil ta' l-ewwel*) : Jiena lest, sinjorina. Sa noqgħod ftit ieħor sakemm tasal il-Pulizija.

Yolanda : Il-Pulizija?... Għalfejn?

Tabib : Mhux pjaċir tiegħi li kelli nagħmel hekk... imma ma stajtx nagħmel ieħor.

Mari : (*imbeżżgħa*) X'ġara, mela, tabib?

Yolanda : Għalfejn il-Pulizija?

Tabib : (*waqt li jersaq lejn Yolanda*). Il-papà tiegħek ma mietx b'xejn, sinjorina... Xi ħadd fgah.

Mari : (*minnufih, b'leħen għoli*). Żgur is-sur Ġorġ!

Tabib : Min?

Mari : Mhux għaliex trid taħseb ħażin... imma s-sur Ġorġ l-aħħar li kien ħdejh il-bieraħ.

Tabib : Jiena ma rridx nindaħal... iżda, binti, oqgħod attenta kif titkellem fuq in-nies... mhux għalkemm tixħet suspett fuq raġel sew bħas-sur Portelli.

Yolanda : Jien hekk irrid naħseb ukoll. (*Lit-tabib*). Inti żgur, dott, milli rajt?

Tabib : Kieku miniex sa nitgħabba b'din ir-risponsabbiltà.

Mari : U hawn ġew żgur li ma daħal ħadd warajh... Għamilt l-istanga kif ħareġ is-sur Ġorġ.

Yolanda : (*imħassba*) Dal-ħin laħaq siefer. Imma kif jista' jkun?

Mari : Ma setax ikun ħaddieħor. Għax tgħid, jien mill-ewwel fih ħsibt. (*lil Yolanda*) Inkella aħna t-tnejn, sinjorina, jekk ma tridx taħseb ħażin fis-sur Ġorġ.

TABIB : *(lil Mari)* Biżżejjed għandha inkwiet is-sinjorina... ħalliha... toqgħodx tħawdilha moħħha inti.

MARI : *(tibki)* Inti qed tgħid sewwa kieku... imma jien għandi naħseb għal rasi. Ma rridx, Alla ħares qatt, min jaħseb ħażin fija minħabba ħaddieħor.

*(Tinstama' l-qanpiena ta' barra. Mari toħroġ).*

YOLANDA : Ħadd ma daħal hawn ġew ħliefu... L-aħħar li ħareġ minn hawnhekk kien is-sur Ġorġ.

TABIB : Jiena f'dan ma nindaħalx, mhix biċċa tiegħi.

*(Jidħol l-ISPETTUR TAL-PULIZIJA flimkien ma' Surġent u 4 kunnistabblijiet. L-Ispettur isellem lil Yolanda, jaqla' l-berritta u jkellem lis-sinjorina.*

SPETTUR : Għandi rapport, sinjura, li hawn ġew sar qtil.

YOLANDA : *(kommossa)* Hekk qal it-tabib.

SPETTUR : Fejn hu l-mejjet?

TABIB : *(juri b'idejh)* F'dik il-kamra.

SPETTUR : *(imur jagħti daqqa ta' għajn fil-kamra minn barra; imbagħad lil tnejn mill-kunnistabblijiet)* : Intom, idħlu fil-kamra u araw jekk hemmx xi ħaġa li tista' tagħtina xi tarf.

*(Żewġ kunnistabblijiet imorru fil-kamra tal-lemin).*

SPETTUR : *(lit-tabib)* Inti tikkonferma r-rapport li għamiltli bit-telefon?

TABIB : Iva.

SPETTUR : *(lil Yolanda)* Jinsabu nies oħra fid-dar?

YOLANDA : Jiena u din *(turi lil Mari)* biss.

SPETTUR : *(lil Yolanda u lil Mari)* Fid-dmir li nwissikom illi kull ħaġa li tgħidu tista' tinġieb bi prova kontra tagħkom.. Min minnkom ittenda bil-mejjet?

YOLANDA : Jiena. Ħabbattlu mal-bieb tal-kamra għax kellu jagħtini £300 biex niddepożitahom il-Bank. Ma weġibnix... Meta ftaħt, għax donnha qalbi ħebritni b'xi ħaġa, rajtu donnu mejjet. Ma kontx naf jekk kienx għadu ħaj... bgħatt għat-tabib u...... *(tinfexx tibki)*.

SPETTUR : Meta rajtu l-aħħar ħaj?

YOLANDA : B'kumbinazzjoni, il-bieraħ fil-għaxija ma rajtux. Meta ġejt lura mit-teatru sibt ħiereġ minn ħdejn il-papà lis-sur Ġorġ Portelli... Qalli li kien ħalla għand il-papà £300 biex niddepożitahom dal-għodu.

SPETTUR : Imbagħad rajtu lill-papà?

YOLANDA : Le, ma rajtux, għaliex is-sur Portelli qalli biex ma niddisturbax lill-papà għaliex qal li kien għajjien ħafna.

*(Iż-żewġ kunnistabblijiet joħorġu mill-kamra jħarsu lejn l-art u jibqgħu sejrin sa ħdejn il-loġġa).*

SPETTUR : Taħseb inti li s-sur Portelli sata' qatel lill-papà biex jisraqlu £300?

SURĠENT : *(lill-Ispettur)* Sir, qbadna tarf ta' xi ħaġa.

SPETTUR : X'sibtu?

SURĠENT : *(jiri waqt li jitkellem)* Hawn passi tal-ħamrija mil-loġġa sal-kamra u lura. *(L-Ispettur imur jara l-marki ta' l-art u jagħti daqqa ta' għajn lejn il-loġġa).*

MARI : *(maħsuda)* Mela daħlulna n-nies dal-lejl.

SPETTUR : *(iħares f'daqqa waħda f'għajnejn Mari)* Daħlulkom in-nies dal-lejl... Hawn passi ta' wieħed ħafi. Taħseb li daħlu n-nies?

MARI : *(eċċitata)* Jekk hemm il-passi bil-fors li daħal xi ħadd mil-loġġa.

SPETTUR : *(dejjem iħarsilha f'għajnejha u b'ton sarkastiku)* U żgur... bil-fors li daħal xi ħadd mil-loġġa... Imma ried ikun hemm min fetaħlu...

*(Wieħed mill-kunnistabblijiet ikellem lill-Ispettur f'widnejh u joħroġ).*

MARI : Iva tħarisx hekk f'wiċċi għax tbażżagħni!

*(Yolanda tħossha ħażin. It-tabib igħinha u jidħol magħha fil-kamra tax-xellug).*

SPETTUR : U wara li ħareġ kien hemm min għalaq warajh. Il-loġġa ma tingħalaqx minn barra... Min dahal kien jaf li hemm min jistennieh.

MARI : X'kull biċċa! Għalfejn sa tibqa' tħares lejja ċass? Jien kont rieqda f'kamarti u ma nafx x'sar. Staqsi lis-sinjorina... forsi taf hi.

SPETTUR : Il-kunnistabbli li għadu kemm ħareġ qalli li sikwit jarak tkellem lil Karmnu "Ta' Qarmeċ".

MARI : Allura? U ma ndumux ma nibdew inniedu.

SPETTUR : Inti taf li Karmnu jħobb imiss ħwejjeġ ħaddieħor.

MARI : Kien... issa m'għadux.

SPETTUR : *(b'sarkażmu)* U żgur, lanqas ilu tliet xhur li ħareġ mill-ħabs.

*(Jidħol il-*KUNNISTABBLI *ta' qabel flimkien ma'* KARMNU).

KUNNIS. : Kif kont sejjer il-Għassa, ilmaħt lil Karmnu fil-kantuniera u deherli li aħjar inġibu sa ħdejk.

SPETTUR : Sewwa għamilt. (*lis-Surġent*) Surġent, iestili rapport għall-Maġistrat tal-għassa biex nirrapportalu l-kas.

*(Is-Surġent joħroġ karta foolscap mill-but, joqgħod ħdejn il-mejda u jibda jikteb b'fountain pen).*

KARMNU : Xi trid mingħandi, sinjur?

SPETTUR : Karm, taf li kulma tgħid jista' jkunlek ta' ħsara. Qatt dħalt hawn ġew?

MARI : (*maħtufa*) Le... qatt.

KARMNU : (*fl-istess ħin li titkellem Marì u bil-kalma*) Il-bieraħ.

SPETTUR : Ma ftehemtux tajjeb bejnietkom : hi tgħid "qatt" u inti "il-bieraħ". (*Lil Marì*) Mill-bieraħ sal-lum insejt li Karmnu kien hawn ġew?

*(Marì, mwerwra, tixħet għajnejha lejn l-art).*

KARMNU : Dan kollu, sur Spettur?

SPETTUR : Stenna ftit. X'ġejt tagħmel il-bieraħ?

KARMNU : Ġejt inkellem lil Marì... Daħħlitni fil-kċina nieħu belgħa tè.

SPETTUR : Tiftakar x'ħin kien?

KARMNU : Kienu bejn is-sitta u s-sebgħa ta' fil-għaxija.

SPETTUR : Ċempilt jew ħabbatt il-bieb biex fetħitlek Marì?

MARI : Tala' mil-loġġa.

KARMNU : (*minnufih*) Iskot int għax ma tafx titħaddet...

MARI : Jafu Karm... sabu l-passi tiegħek.

KARMNU : (*ikun sa jaqbad jinfixel u jigdem xofftu t'isfel. Imbagħad donnu jsib xi ħaġa ma' hix iqabbad. Jitbissem).* Billi kienet ix-xita dħalt mill-ġnien biex niffranka dawra.

*(Is-Surġent iġib ir-rapport lill-Ispettur għall-firma. L-Ispettur jiffirma, jagħtih f'idejn kunnistabbli u jgħidlu):*

SPETTUR : Wasslu lill-Maġistrat u ejja għidli bil-ħin li jordna għall-aċċess. (*Il-kunnistabbli jsellem u jitlaq*).

KARMNU : Lili ma naħsibx li għandek x'tambini iżjed.

SPETTUR : (*b'herra*) Li int ħalliel, Karm, jaf kulħadd, imma li int qattiel ukoll ma konniex nafu.

Karmnu : *(b'daqsxejn leħen għoli)* Ħalliel ġie li kont, imma qatt ma ċappast idejja bid-demm ta' ħaddieħor.

Mari : *(tgħajjat b'esteriżmu fuqha)* Ma niflaħx iżjed għal dattorturi kollha. Mhux Karmnu qatlu lis-sur Ġużè... naf jien li mhux hu.

Spettur : Kif tista' taf li mhux Karmnu?

Mari : *(tberraq għajnejha)* Jien fgajtu lis-sinjur... jien waħdi. *(tolfoq u tilheġ)*.

Karmnu : Tiħux għaliha, spettur. Dan xi qtil hu?

Spettur : Ma taf xejn inti, eh?

Mari : *(tgħajjat bħal qabel)* Ma niflaħx inżommha ġo fija iżjed... Karmnu ma jafx... ma kienx għadu hawn... lis-sinjur fgajtu qabel ma mort niftaħ lil Karmnu.

Karmnu : Temminiex, Spettur... Ma tafx xinhi tgħid... Ħadd minna ma qatel. Ġennintha bi kliemek.

Spettur : *(lil Karmnu)* Ngħidlek min minna t-tnejn ġenninha. *(Liż-żewġ Kunnistabblijiet)* Ħuduh il-Għassa u tagħtux kasu; ħallih igħid li jrid... Ma ndumx ma niġi jen.

*(Żewġ kunnistabblijiet joħorġu, b'Karmnu magħhom, minnaħa tax-xellug.)*

Mari : Ma niflaħx iżjed... aħjar toqtluni milli dal-mistoqsijiet kollha.

Spettur : Miniex sa nistaqsik wisq iżjed la stqarrejtli. Imma għidli, għalfejn qtiltu lis-sur Ġużè?

Mari : Ma nafx.

Spettur : *(b'nofs tbissima)* Żgur kien jaħqrek.

Mari : *(b'leħen baxx imriegħed u tħares fix-xejn)* Bżajt li s-sinjur jistenbaħ waqt li nkun inqalleb fil-kxaxen... Naf li fil-komodina jżomm pistola... Ħsibt li joqtolni jekk isibni hemm ġew... Rajtu jitqalleb fil-friex... Għal Karmnu nibża' iżjed milli nibża' mill-mewt... Bżajt li jidħol Karmnu u li s-sinjur jisparalu... Ħassejt dak il-ħin saħħa kbira f'subgħajja... u... *(tinfexx tolfoq mill-ġdid u tgħajjat b'nifisha maqtugħ)* għamilt żball kbir.

*(Ma' l-għajat ta' Mari jidħlu t-TABIB u YOLANDA).*

Spettur : *(liż-żewġ kunnistabblijiet li jkun fadal miegħu)* Ħuduha l-Għassa u ibagħtuli tnejn min-nies oħra.

*(Marì, mal-Pulizija, toħroġ mix-xellug).*

YOLANDA : Għaliex arrestajtuha lil Marì?

SPETTUR : Il-ħamrija li telgħet mill-ġnien u ċappset l-art bil-passi ta' ħalliel, kixfitilna l-qattiela tal-papà tiegħek.

YOLANDA : Min kienu?

SPETTUR : Karmnu seraq il-flus u Marì qatlet.

YOLANDA : *(tibki, tmur toqgħod bil-qiegħda)* Miskin il-papà.

TABIB : Id-dnub ma jorqodx, sinjorina.

SIPARJU.

---

## IL-KUNSILL TA' "IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI" GHAS-SNIN 1948-49

*Presidenti Onorarji:*

Mons. Dun Karm Psaila, D.Litt. (Hon. Causa);
Prof. Mons. Dun P. P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lic.S.Script.;
Is-Sur Ġino Muscat Azzopardi;
Prof. Ġużè Aquilina, B.A., L.L.D., Ph.D. (Lond.);
Mons. Dun Pawl Galea, J.C.D.

*President:*

Il-Kav. Ġużè Galea, M.D., D.P.H.

*Viċi-President:*

Is-Sur Ant. Cremona.

*Segretarju:*

Is-Sur Ġużè Chetcuti.

*Teżorier:*

Is-Sur Victor Apap.

*Membri:*

Is-Sur Mario Agius;
Dun Frans Camilleri;
Patri Prov. Ġ. Delia, S.J.
Is-Sur George Ransley;
Is-Sur Erin Serracino Inglott;
Is-Sur Karmenu Vassallo;
Patri A. Xerri, O.F.M.;
Is-Sur Walter Zahra;
Is-Sur Godfrey Zarb Adami.

# Reċensjonijiet

## IL-MONS F.S. CARUANA — TFAKKIRA NAZZJONALI — Ta' M. Agius — Standard Press Malta. Pp. 20.

Dan il-*pamplet* jiġbor fih poeżija u sunett, ħajjet Mons. Caruana "fil-qosor", u l-programm tal-festi li saru f'egħluq il-mitt sena mill-mewt tiegħu.

Sabiħa l-idea li tfakkar ħajjet u għemil wieħed qalbieni f'għeluq iċ-ċentinarju tal-mewt tiegħu. Iżda kulħadd jaqbel li dan kien jixraq iżjed li jsir mill-Gvern. Il-Gvern, f'okkażjonijiet bħal dawn, għandu jieħu ħsieb minn żmien qabel, inkdi konkors għall-aħjar bijografija tal-qalbieni, joħroġ bolla kommemorattiva, jorganizza festi f'ġieħu u jwaqqaf xi tifkira nazzjonali. B'hekk nistgħu nuru lid-dinja li ma għadniex lura kif jaħsbuna.

L-aktar li laqtitna f'dan il-ktejjeb kienet il-ħajja ta' Mons. Caruana fil-qosor (pp. 11-15).

Il-bijografija tingħabar u tinkiteb mid-dokumenti u mhux minn *Elogio Funebre*, li wieħed predikatur hu mġiegħel jagħmel minn qrabat il-mejjet, biex jitla' fuq pulptu u jinseġ erba' kelmiet ta' tifħir. Qabel ninteġgħu niktbu dwar suġġett, l-iktar jekk ikun xi bijografija, jeħtiġilna neżaminaw id-dokumenti kollha taż-żmien qabel xejn, niflu u ngħarblu sew kulma nkiteb s'issa, naraw x'intqal sew favur u kemm kuntrarju, u fl-aħħar, meta nkunu dammejna kollox, mhux niġbdu konklużjoni, iżda niktbu l-fatti kif inhuma. Kliem żejjed, ħafna tifħir bla sugu, ma baqax lokhom. Qabel illaqqmu lil xi ħadd bl-isem ta' qalbieni, diplomatiku, traditur, raġel tajjeb jew mill-agħar, u ħafna aġġettivi oħra, jeħtieġ naħsbuha tajjeb aktar minn darbtejn.

Il-magħruf awtur Trevelyan għadu kemm kiteb artiklu fil-*History*, vol. XXXII, no. 115, March 1947, dwar dan li qed niktbu. Il-ħabib tagħna Marju Agius donnu ma jagħmilx diff renza bejn il-kelma kanonku u l-oħra ta' Monsinjur. Caruana beda jissejjaħ Monsinjur meta laħaq Isqof ta' Malta, 1831, u qatt qabel. Ukoll wara, hu baqa' jikteb Kanonku, aktarx għaliex hekk kien magħruf ma' kulħadd. Dak iż-żmien il-kanonċi tal-Kattidral ma kinux jissejħu monsinjuri.

Fuq il-ġrajja ta' żmien il-waqgħa ta' l-Ordni ta' San Ġwann jidhrilna li l-awtur ma għarafx jagħti tagħrif tagħha skond il-ħaqq. U meta wasal biex jikteb dwar il-ftehim ma' l-Ingliżi, Agius ħawwad daqsxejn il-fatti.

Din il-ħajja fil-qosor fiha ħafna asserzjonijiet tal-kittieb li huma kontroversjali, u li aħna ma nistgħux nikkritikaw dettaljatament f'din ir-reċensjoni tal-"Malti" mhabba l-wisa'.

Il-bibljografija li tana Agius ma tantx tidher li hi magħmula bir-reqqa. Ħafna mill-kittieba li hemm imsemmija mhumiex ta' valur storiku. *The French in Malta* ma jeżistix: hemm iva l-pubblikazzjoni *Acts and Documents of the French Occupation of Malta*, H. P. Scicluna, Empire Press, 1932.

Mhux biżżejjed li niktbu li *Caruana kellu, bħal kull bniedem ieħor, innuqqasijiet u aktarx l-ambizzjonijiet tiegħu ukoll li jekk m'humiex ta'*

*siwi storiku jiżraq li jibqgħu midfunin miegħu* (15, versi 18-20). Jekk inqanqlu l-mejtin jeħtieġilna li nxommu r-rwejjaħ tagħhom ukoll. Lanqas tagħrif dwar l-imġiba ta' bniedem, lanqas kelma afdata ma' xi ħadd, nitfa ta' ittra privata, jew xi wiri ta' fehma, jistgħu jkunu l-mera tal-karattru tal-bniedem li dwaru qegħdin jew ser niktbu.

Wara kollox il-ħabib tagħna Marju Agius ħaqqu kull tifħir għall-ħeġġa li wera biex tħejjiet u nħexxiet din it-tfakkira f'ġieħ wieħed mill-Maltin li ħaqqna nkunu nafu aktar milli ntqal.

JOS. GALEA.

**GĦANJA TAR-REBBIEGĦA** — Kummiedja Soċjali Maltija fi tliet Atti ta' Ġorġ Pisani — Bi studju tal-Kav. Ġużè Galea, M.D., D.P.H. — Lux Press, 1947. Prezz 2s. 4d.

Dan hu t-tieni xogħol drammatiku ta' Ġorġ Pisani li s'issa deher stampat fi ktieb. Lil Ġorġ Pisani, fil-qasam ta' l-arti drammatika, iktarx nafuh bħala l-awtur ta' "Is-Sengħa ta' l-Imħabba", kummiedja oħra soċjali li biha għamel isem wara li dehret l-ewwel darba fuq il-palk maħduma mill-istudenti ta' l-Università. Illi "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" fil-fehma ta' xi awtoritajiet għandha l-mertu tagħha letterarju jidher biċ-ċar sew billi kienet test ta' studju għall-istudenti tal-Fakultà tal-Letteratura kemm mill-istudju kritiku li fuqha kien għamel il-Professur G. Aquilina u li hu mdaħħal bħala Prefazzjoni ta' l-istess kummiedja.

Fl-istudju kritiku li għamel fuq il-"Għanja tar-Rebbiegħa", it-Tabib Ġuże' Galea, u li naqraw fil-*Kelmtejn ta' Qabel* fl-istess ktieb tal-kummiedja, dan isib li hemm xebh qawwi fl-ambjent, fil-ħajja u fil-psikoloġija tal-persunaġġi taż-żewġ kummiedji. U dana minn bandu huwa minnu, iżda mhux f'kollox. Jista' jkun illi biċċa mill-ambjent u xi wħud mill-persunaġġi huma maħżużin u pinġuti bl-istess linji u kuluri, iżda, fil-psikoloġija ta' l-atturi prinċipali, il-motiv tas-sensazzjoni huwa bil-wisq differenti; f'waħda hemm il-verisimiljanza u fl-oħra le. Nibdew biex ngħidu li sew l-ambjent ta' l-azzjoni kemm il-karattri prinċipali mhumiex ħlief l-assimilazzjoni ta' ambjenti u karattri li iktarx issibhom fl-atmosfera kontinentali milli fil-gżejjer tagħna. Fl-artijiet kbar, bħalma huma fl-Italja, fi Franza, eċċ., bħala rappreżentazzjoni ta' xena u ta' tipi kienu jistgħu jagħmlu l-isbaħ kwadru ta' azzjoni drammatika. Ġorġ Pisani jħobb jassimila l-ħajja bohemjana ta' studenti li aħna għad m'għandniex; hekk ukoll joħloq ir-rumanzier meta r-rumanz għad ma sarx ix-xogħol awtentiku ta' professjoni ta' qligħ ta' flus: ir-rumanzier li jgħix flimkien mal-pittur u ma' l-istudenti; hekk ukoll il-mużiku, u kompozitur ta' operetti li hu msieħeb mal-poeta librettist li bħala nies tal-professjoni ma tiltaqax magħhom kif ġieb u laħaq fil-ħajja soċjali tagħna, jiġifieri fiċ-ċokon ta' gżiritna biex fuqhom tibni azzjoni bħala mera ta' biċċa mill-ħajja soċjali tagħna.

**L-istess ħaġa** nsibu fil-"Kewkba" tiegħu li dehret diġà maħduma fuq il-palk fejn l-atturi prinċipali, ir-raġel u l-mara, mhumiex tipikament il-persunaġġi fil-ħajja soċjali tagħna; jiġifieri raġel bħala kittieb u impreżarju u mara mogħtija għall-pulitika u waħda mill-irjus ta' partit: it-tnejn

medhijin u mitlufin wara dawn iż-żewġ ħwejjeġ b'dik il-ħeġġa u ġenn li joftmuhom minn kull ħsieb ta' darhom.

Fil-psikoloġija tal-persunaġġi nabseb li ftit huma dawk il-kittieba drammatiċi li setgħu jidħlu fil-qalb tal-persunaġġi daqs kemm Ġorġ Pisani. Hekk jidher għallinqas mill-espressjoni, fiżonomija, silhouettes u djalogu naturali tal-karattri—għalkemm xi mindaqqiet tiltaqa' ma' xi espressjoni ta' kliem imqanżah fil-puriżmu artifiċjali tagħhom li għal xi waqt idennsu n-naturalezza tal-frażi popolari Maltija, u ma' xi karattri mdaħħlin biex jiksru l-monotonija bla ebda rabta mas-suġġett bħalma hemm fil-'Kewkba'.

Fil-kummiedja soċjali "L-Għanja tar-Rebbiegħa" fuq kollox laqtitna daqsxejn ta' inverisimiljanza fit-trama tagħha biex ma ngħidx fil-qofol tat-trama stess. Għalkemm għandna nemmnu illi bniedem, li rabba għal 18-il-sena sħaħ tifel iltim ta' ħabibu u sieħbu fil-ħajja ta' xorb u logħob li fiha kienu għexu t-tnejn qabel ma nġabru bid-dar tagħhom, għandu jkollu qalbu hekk marbuta ma' dan it-tifel li ma jistax igħix mingħajru, aħna ma nistgħux niġġustifikaw għalkollox is-sentimenti ta' għadab ta' dan it-tifel kontra min rabbieh b'għożża hekk kbira meta jikxef minn fomm dan il-benefattur tiegħu li missieru miet bħala konsegwenza tal-ħajja ħażina li fiha huwa kien raġa' ħajru jaqa' fiha, u li ommu mietet bil-għali ta' missieru — meta lil missieru u 'l ommu qatt ma kien rahom. Dan il-"climax" li fuqu hu mibni l-qofol tas-suġġett huwa mbagħad imwaqqa' mill-bidla ta' sentimenti ta' ħniena u rimors għal missieru l-putativ li halla f'baħar ta' niket u dwejjaq — sentiment ta' ħniena u rimors li daħal fil-qalb tat-tifel wara tmien snin bil-"Għanja tar-Rebbiegħa" li ħass fis-sbuħija ta' l-egħlieqi u ta' l-arja li tfewwaħ, u li għal mument refgħetu mas-smewwiet!

Il-għeluq tal-kummiedja, għalkemm hu artistiku, hu iktarx poetiku milli drammatiku u ma jidhirx li jorbot b'sensiela ta' fatti naturali u loġiċi li jistgħu jiffurmaw kwadru sħiħ u simmetriku.

Għal dak li hu xebh ta' motiv psikoloġiku bejn "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" u "L-Għanja tar-Rebbiegħa" — f'waħda huwa mibni fuq it-teorija ta' fehma illi l-Imħabba hija logħba, jew kif isejħilha l-awtur, **sengħa,**— fejn din it-teorija hija mwettqa mill-imġiba kapriċċuża ta' xbejba, li wara li ħalliet dar missierha biex tinxteħet fi ħdan żagħżugħ barrani u tiżżewġu, taħtab ma' sieħeb żewġha, u żewġha, li jibkiha u jbus ir-ritratt tagħha, jara illi l-imħabba mhix ħlief logħba, jinduna li ma fehemx il-mentalità tal-mara li jħobb; fil-waqt li fl-oħra, il-motiv psikoloġiku hu mibni fuq tliet sentimenti li jissieltu ġewwa l-qalb u joħolqu episodji drammatiċi fil-ħajja tal-protagonista; wieħed ta' rimors ta' ħtijiet li kienu l-irvina ta' ħabib u missier, l-ieħor ta' torbija ta' tifel iltim li ssarraf xi mindaqqiet daqs l-imħabba ta' veru missier, u l-ieħor ta' niket, taqtigħ ta' qalb u għali wara l-firda ta' tifel li ċaħad lil min rabbieh, tefagħlu ma' wiċċu t-tajn ta' ħtijietu, u telaq minn daru, wara li kixef li dan kien is-sieħeb u l-kaġun tal-ħajja vizjuża ta' missieru. Sew Ġovanni fis-"Sengħa ta' l-Imħabba" kemm is-Sur Naudi fil-"Għanja tar-Rebbiegħa" kellhom it-taħbit u t-taqtigħ ta' qalb f'imħabbithom li ma kenitx tħallihom jaħdmu; wieħed l-għaliex qalbu ttaqtaq li tilef għalkollox il-maħbuba tiegħu Helen, u li mħabba l-għadab ta' missierha ma jkollux ix-xorti li jaraha iżjed, aħseb u ara li tkun martu; l-ieħor l-għaliex qalbu ttaqtaq li z-ziju tat-tifel

(Edgar) jirnexxilu jeħodlu t-tifel u jifirdu minnu għal dejjem. Għalkemm għidna li hemm l-ambjent tal-Boheme fis-"Sengħa ta' l-Imħabba", Helen mhix Mimi, jiġifieri l-figura psikoloġika ta' l-imħabba ta' Mimi mhix dik ta' Helen, li ngħiduha kif inhi, mhix il-mara li tirrappreżenta s-simbolu ta' l-imħabba tan-nisa f'sens ġenerali fil-kummiedja soċjali tal-lum. Fil-kummiedja tas-"Sengħa ta' l-Imħabba", fl-imħabba kapriċċuża ta' Helen bil-konsegwenzi ta' mħabba, imqarrqa, imħarbta ta' Ġovanni, bħalma osserva l-Professur G. Aquilina fil-Prefazzjoni tiegħu, niġbdu lezzjoni morali, illi xi mindaqqiet huma l-irġiel li jifthu t-trieq lil marthom biex din tinsa l-ewwel imħabba li kienet rabtitha mar-raġel tax-xorti ta' ħajjitha. il-għaliex iħalluha tgħix bla rażan f'ambjent modern ta' frugħat li bihom hija tkun kasbret l-egħtiebi tal-kamra taż-żwieġ. U b'hekk naraw fl-epilogu tad-dramm dak il-korollarju morali li fih ħaddieħor b'nuċċali forsi ta' preġudizzi reliġjużi konservativi sata' jara ispirazzjoni immorali; imma jekk, bħalma jidher mill-kliem ċiniku ta' Anton, il-ħabib ta' Ġovanni u mill-kliem ta' Ġovanni stess, u, fuq dak li ġara bi twettiq ta' dan il-kliem, l-epilogu tad-dramm ma jurix ħlief ir-rebħa u trijonf ta' teorija li tgħid illi l-imħabba mhix "ħlief arti, mhix ħlief sengħa", jien nista' ngħid ukoll illi d-dramm ta' Ġorġ Pisani fis-"Sengħa ta' l-Imħabba" ma jurix ħlief ġenb ċkejken tal-psikoloġija tal-mara fl-imħabba tagħha — dak il-ġenn barometriku li l-lum insibu fis-sistema nervuż tas-sess dgħajjef maħkum mill-ħajja libertina tal-lum; li fuq kollox hija kwadru realistiku li minnu r-raġel u l-mara tad-dar jistgħu jitgħallmu ħafna ħwejjeġ sbieħ u ta' fejda għat-torbija ta' wliedhom.

Din id-darba, iżda, l-awtur tas-"Sengħa ta' l-Imħabba" tana sentiment ta' mħabba li ma fihx kapriċċi, għax jinnissel minn qalb ta' raġel li wara tiġrib kiefer ta' drawwiet qarrieqa li tilfulu l-hena ta' ħajtu, isib fl-imħabba ta' missier putativ il-farġ ta' l-aħħar jiem ta' ħajtu u bih l-awtur joħloq kwadru b'fond wisq iżjed ċar fil-moralità tiegħu. Li fih il-aħħar, wara d-disillużjoni li xeħtitu fi dwejjaq ta' nevrastenija għal għadab u ħarba tat-tifel li rabba—ta' dak it-tifel li ma jafx jagħder u jiżen iċ-ċirkustanzi, skond ma jpinġihulna *kontra n-natura* l-awtur— dan l-imsejken ta' benefattur, iħoss ġewwa fih tinbet it-tama li jarġa' jikseb lit-tifel, li kif naraw, bis-saħħa ta' Sejħa mis-Sema qalb il-ħdura ta' l-egħlieqi, Sejħa illi l-awtur, hawnhekk iktarx poeta milli drammaturgu, jagħtiha l-isem ta' Għanja tar-Rebbiegħa, u biha jġagħal lil dan l-iltim ta' tifel li kien ċaħad lill-benefattur tiegħu jintebah u jistenbah u jħoss leħen ieħor tan-Natura li jreġġgħu lejn dik il-bejta li leqgħetu u ġabritu: fid-dar ta' dak ir-raġel li bid-dnubiet kollha ta' żgħożitu, mal-ħeġġa tal-mużika ħass ukoll imħabba li ma għandhiex x'taqsam ma' dik ta' Ġovanni fis-Sengħa ta' l-Imħabba — għax iżjed soda u morali.

Suġġetti bħal dawn, bħalma josserva t-Tabib G. Galea fil-Prefazzjoni tiegħu ta' din il-kummiedja huma wisq tajbin biex jinħadmu minn xirkiet u għaqdiet ta' żgħażagħ, għalkemm skond ma jidhrilna aħna, huma neqsin mill-effett tad-dramm soċjali tal-lum.

L-epilogu tat-trasformazzjoni tas-sentiment imgħaddab tat-tifel bis-saħħa ta' dehra poetika qalb l-egħlieqi, wara tmien snin; id-dehra tat-tifel liebes ta' qassis wara tmien snin jagħlaq bi kwadru li fih l-għajn tal-kritiku tista' għal mument tara xi ħaġa artifiċjali, xi ħaġa nieqsa

mill-gradwazzjoni, konsegwenza u naturalezza ta' dawk l-inċidenti li kellhom iwasslu għall-egħluq ta' l-azzjoni drammatika.

"Drammi bħal dawn iridu jkunu ħalli jnaddfu l-palk Malti, billi jikinsu minn fuqu produzzjonijiet li jħammru l-wiċċ!" Hekk għalaq l-istudju kritiku tiegħu fuq dan ix-xorta ta' dramm it-Tabib Guże' Galea; u hekk intennu aħna wkoll, meta wieħed iħares lejn produzzjonijiet bħal dawn fl-atmosfera ċkejkna tal-palk modern tagħna, għal dak li hu ġid soċjali, morali u letterarju li jinkiseb minnhom.

Għal dak li hu effett morali, sew is-"Sengħa ta' l-Imħabba" kemm "Il-Għajn tar-Rebbiegħa", it-tnejn nistgħu nsibulhom l-egħluq morali tagħhom fil-motiv psikoloġiku tat-trama, skond kif tħares lejhom u b'liema grad ta' mentalità. U bħalma nistgħu dlonk insibu s-sens morali fid-dramm ta' l-Iben Prodgu jew tal-Maddalena, hekk ukoll nistgħu nsibu s-sens morali fid-drammi ta' Ibsen bħal f'dak ta' l-"Ispirti" għalkemm dawn jistgħu jħammru l-uċuh ta' xi ħadd. Għal dak li hu valur artistiku u letterarju naħseb li s'issa l-kritiċi tax-xogħlijiet drammatiċi ta' G. Pisani għandhom, jekk mhux mill-bnadijiet kollha, għallinqas f'sens ġenerali, raġun li japprezzawhom; għax Ġorġ Pisani, u miegħu kittieba oħra żgħażagħ ta' xogħlijiet tal-palk, bħal Cassola u Gino Muscat Azzopardi u oħrajn tal-kalibru tagħhom, irnexxielhom bil-pinna tagħhom jagħtuna produzzjonijiet moderni li bihom qegħdin inaddfu ftit ftit il-palk Malti minn dak l-imbarazz ta' sengħa qadima li, fejn l-arti drammatika tal-lum, kien qed jagħmel għajb kbir lill-Palk tagħna.

Il-valur artistiku u letterarju ta' bejn l-ewwel u t-tieni kummiedja mhux ta' kalibru wieħed. L-ewwel xogħol huwa wisq iżjed maħsub, minsuġ skond is-sengħa b'azzjoni wisq iżjed omoġenea u effettiva, għalkemm, bħalma fissirna, il-kwadru ta' l-ambjent u tal-personaġġi mhux ir-ritratt veru tal-ħajja soċjali Maltija. Fit-tieni hemm dawk in-nikkiet u inverisimiljanzi ta' ambjent u psikoloġija li, bħala xi ftit min-nuqqasijiet karatteristiċi ta' l-awtur fix-xogħlijiet drammatiċi tiegħu, jirkaċċaw wisq iżjed f'din milli fl-ewwel produzzjoni.

Sew fl-ewwel kemm fit-tieni produzzjoni naraw li fost il-persunaġġi hemm il-karattru qadim tas-seftur li soltu konna naraw, xi mindaqqiet ilimkien mas-seftura f'dar waħda (li jew jitlewmu bejniethom għax igħiru għal xulxin jew jinnamraw ma' xulxin). Dawn il-lum għamlu żmienhom bħalma ilhom li għamlu żmienhom fit-teatru Taljan, l-Arlekkin, Pasquariello, Scaramuccia, Stenterello, u karattri qodma bħal dawn. Iżda għalkemm fil-"Għanja tar-Rebbiegħa", seftura xwejħa kienet tixraq iktar minn seftur xih (meta hawn Malta s-seftur ma kontx issibu ħlief sal-bidu tas-seklu dsatax, u aktarx għand xi familja nobbli), billi l-qofol li fuqu hu mibni l-'climax' tal-kummiedja hija s-sakra ta' Nestu li kellu l-vizzju tax-xorb, il-karattru ta' mara kien iwaqqa' t-trama tas-suġġett. Għal dawk li huma karattri, kif diġà fissirna, dak ta' Camenzuli jidher li mhux il-bniedem li miegħu tista' dlonk tiltaqa' fil-ħajja tagħna — u l-pretensjonijiet poetiċi tiegħu fuq il-mewtu tiegħu, jiġi li xi waqtiet tarahom barra minn lokhom. Il-bidla tiegħu morali fl-aħħar att għandek tħossha psikoloġikament daqsxejn ukoll barra minn lokha. Is-suspett ta' Edgar li Naudi mhux missieru jidher li hu mgħaġġel wisq fuq espressjoni sem-

pliċi ta' Nestu s-seftur, li kien lis-sakra: "Qisek dak in-nhar li rajtu jagħtik f'idejn is-sinjura tiegħu u jgħdilha... u jgħidilha... ħa, ħa, ħaj." (Ara paġ. 17). Il-perijodu ta' tmien snin huwa twil wisq bejn it-tieni u l-aħħar att għal żewġt iħbieb bħalma kienu Naudi u Cammenzuli bla ma jaraw lil xulxin meta dawn baqgħu fl-istess pajjiż ċkejken bħalma hija Malta — meta dawn iż-żewġt iħbieb, wieħed huwa mużiku u l-ieħor librettista, li kif għandek tistħajjel, messhom dlonk jiltaqgħu mħabba x-xogħol tagħhom. Iżda li ma kienx hekk, l-epilogu ma kienx ikollu l-effett tiegħu. Id-djalogi għandhom in-naturalezza tagħhom, u fuq hekk, neħħi bħalma għidna xi espressjoni iebsa, G. Pisani wera sengħa kbira tal-Palk.

'L hawn u 'l hinn nosservaw xi għiltijiet ta l-ortografija li b'daqsxejn ta' ħsieb wieħed sata' jaħrabhom u li nittamaw li jissewwew f'edizzjoni oħra.

Fil-waqt li wara kollox nifirħu lill-awtur għall-ħila tiegħu fl-arti drammatika maltija li biha qiegħed igħin hekk tajjeb biex il-Palk Malti jintrafa' mill-għajb ikreh li fih kien, nittamaw li 'l quddiem il-pinna tiegħu għalliela tagħtina xogħlijiet oħra li jissoktaw jagħmlu ġieh lil ismu u lil Art twelidu.

A. C.

## LISTA TA' KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-GĦAJNUNA TAR-RIVISTA "IL-MALTI"

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kav. Dr. G. Galea, M.D., D.P.H. ... ... ... | £6 | 0 | 0 |
| Sur A. Cremona ... ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur G. Chetcuti ... ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur V. Apap ... ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur G. Zarb Adami ... ... ... ... ... | 1 | 0 | 0 |
| Sur L. Said ... ... ... ... ... ... | | 17 | 6 |
| Rev. Patri Lett. N. Magro, O.F.M. ... ... ... | | 5 | 0 |
| Sur M. Micallef ... ... ... ... ... ... | | 5 | 0 |

**Infakkru illi l-kontribuzzjonijiet ta' flus għandhom jinbagħtu għand il-Kaxxier, Victor Apap, 150, Tower Road, Tas-Sliema.**

# MATINEE LYRIQUE FIL-KAŻIN TA' L-ISTUDENTI TA' L-UNIVERSITA'

Fid-29 tax-xahar li għadda fil-Każin ta' l-Istudenti ta' l-Università sar *Matinée Lyrique* organizzat mill-"Għaqda tal-Malti (Università)". Il-ħsieb ta' dan *il-Matinée Lyrique* huwa li jdewwaq il-ħlewwa u qawwa tal-poeżija Maltija miktuba minn poeti Maltin tal-lum li bil-għanja tagħhom imnebbħa minn idejiet oriġinali, għolja u artistiċi, qiegħda, bħall-poeżija moderna f'ilsna oħra, iżżejjen il-letteratura Maltija u tagħtiha l-isbaħ xejra fl-arti lirika.

Il-mużika mqabbla mal-ħsieb u r-ritmu ta' kull poeżija li ntqalet kienet magħżula u mmexxija mis-Surmast Pace li wera l-akbar ħila biex iqabbel u jissinkronizza. Ma noqogħdux insemmu l-poeżiji li ntqalu għax il-wisa' tar-rivista ma jagħtiniex, biss ingħidu li l-poeżiji li kienu magħżula mill-istudent Wallace Gulia, B.Sc., laqtuna kollha kemm huma, l-iktar għaliex min qalhom għaraf jagħtihom it-ton, ix-xejra u l-lewn ta' leħen li kien jixirqilhom u jimxi mal-melodija ritmika ta' versi u mużika flimkien.

Tkellem l-ewwelnett l-istudent Gulia li, kif għedna, kellu l-akbar sehem fil-għażla tal-poeżiji, fejn fisser l-iskop ta' dik il-laqgħa u qal ukoll illi l-versi li ntgħażlu ma kinux ta' bil-fors l-aħjar eżemplari ta' poeżija Maltija, iżda poeżija magħżula għal dik l-okkażjoni ta' l-ewwel *Matinée Lyrique*.

Wara li għalaq il-programm mużiku-letterarju tkellem il-Professur Aquilina, bħala President tal-"Għaqda tal-Malti" ta' l-Istudenti Universitarji, fejn faħħar il-ħsieb sabiħ ta' dik il-laqgħa u fisser il-bżonn li jibqgħu jsiru minn dawk il-laqgħat hekk sbieħ fid-divertiment intellettwali tagħhom u fisser ukoll it-tama illi, barra t-Teatru Nazzjonali li l-Gvern kien biħsiebu jwaqqaf, fl-Università tingħażel jew tinbena Sala għal dawk il-laqgħat u rappreżentazzjonijiet teatrali. Fl-aħħarnett, l-Onor. Boffa, li kien mas-Sinjura tiegħu fost il-mistednin, tkellem u għalaq dik il-laqgħa billi wettaq it-tama li l-Gvern ikun jista' jgħin biex f'Malta jkollna t-Teatru Nazzjonali tagħna.

Nixtiequ fl-aħħarnett ingħidu illi dik il-laqgħa kienet ukoll imħennija mhux ftit f'għeluq kull taqsima tal-programm mill-pjanisti, is-Sinjurini Adriana u Aurora Abela, L.R.S.M. (Londra) u Cora Agius Ferrante u mill-vjolinista s-Sur Raphael Attard, li s-sengħa tagħhom fid-daqq tal-pjanu u tal-vjolin għaxxqet lil kull min semagħhom.

——— :0 :———

## AVVIŻ EDITORJALI

**Jiddispjaċina illi mħabba n-nuqqas ta' wisa' għal din id-darba kellna nħallu barra xi kontribuzzjonijiet ta' proża u poeżija, fosthom xi reċensjonijiet.**

# LISTA KRONOLOĠIKA TAL-MEMBRI AKKADEMIĊI TA' "IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"

| | |
|---|---|
| Borg Alf. M. | 14. 11. 20 |
| Caruana Fran. Sav. | 14. 11. 20 |
| Cremona Ant. | 14. 11. 20 |
| Mifsud Bonnici Rik. | 14. 11. 20 |
| Muscat Azzopardi Ġino | 14. 11. 20 |
| Psaila Mons. Karm, D.Litt. | 14. 11. 20 |
| Sant Karmnu | 14. 11. 20 |
| Gal a Mons. P., J.C.D. | 18. 12. 21 |
| Farrugia Kan. Ġammari | 18. 12. 21 |
| Briffa, Dr. Ros., B.Sc., M.D. | 17. 10. 26 |
| Galea Dr. Ġużè M.D., D.P.H. | 17. 10. 26 |
| Gatt Ġużè | 17. 10. 26 |
| Porsella Flores G. | 17. 10. 26 |
| Saydon Prof. Mons. P.P. B. Lit., B.L.Can., Lic. S. Script. | 18. 12. 27 |
| Agius Marju | 24. 11. 35 |
| Aquilina Prof. Ġużè B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) | 24. 11 35 |
| Biancardi Nikol | 24. 11. 35 |
| Delia Patri G., S.J. | 24. 11. 35 |
| Farrugia Dun Karm | 24. 11. 35 |
| Pisani Ġorġ | 24. 11. 35 |
| Rapa Patri Piju, O.P. | 24. 11. 35 |
| Born Patri W., O.P. | 19. 12. 37 |
| Chetcuti Ġużè | 19. 12. 37 |
| Diacono Ġużè, P.L. | 19. 12. 37 |
| Kissaun M. | 19. 12. 37 |
| Mejlak Mary | 19. 12. 37 |
| Ransley Ġorġ | 19. 12. 37 |
| Vassallo Karmenu | 19. 12. 37 |
| Vassallo Arthur V. | 19. 12 37 |
| Buttigieg Dr. Anton, B.A., LL.D. | 20. 3 38 |
| Tabone Prof. Patri Pawl, O.F.M. | 20. 3. 38 |
| Apap Victor | 25. 2. 40 |
| Butcher May | 25. 2. 40 |
| Galea Joseph | 25. 2. 40 |
| Cassola Alb. M. | 8. 8. 41 |
| Cassar Pullicino Ġużè | 8. 8. 41 |
| Ellul Ġużè | 8. 8. 41 |
| Gatt Salvu | 8. 8. 41 |
| Sant Dun Karm | 8. 8. 41 |
| Zarb Adami Godfrey | 8. 8. 41 |
| Charles Brother Amedy | 7. 7. 42 |
| Vella Haber Kelinu | 7. 7. 42 |
| Camilleri Dun Frans | 13. 5. 43 |
| Cauchi Ġużè, LL.D. | 13. 5. 43 |
| Barbara Patri Valentin, O.P. | 3. 4. 44 |
| Scerri Patri Akkursju, O.F.M. | 23. 3. 45 |
| Zahra Walter | 23. 3. 45 |
| Busuttil Kapt. G. | 8. 2. 46 |
| Agius Dr. E., M.D. B.Sc., D.P.H., D.Bact. | 8. 2. 46 |
| Serracino Inglott Erin | 8. 2. 46 |
| Zammit Dr. Ġorġ, LL.D. | 8. 2. 46 |
| Muscat Azzopardi Ivo, P.L. | 18. 6. 46 |
| Nicholas Alf. | 18. 6. 46 |
| Glavina Patri D., S.J. | 19. 11. 46 |
| Mallia Ġużi | 19. 11. 46 |
| Coleiro Prof. Dun Ed. | 7. 2. 47 |
| Mejlak Patri G., S.J. | 7. 2. 47 |

## MEMBRI KORRISPONDENTI

| | |
|---|---|
| Laurent Ropa, Pariġi | 19. 12. 37 |
| Edward Ellul, Londra | 13. 5. 43 |

**JINBIEGH 1/-**

Agent Direttur: A. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldeska,
Paula.

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.